

- 2) Fid-dawl tad-dritt primarju, ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li, bħala l-Istat ta' residenza preċedenti u l-Istat ta' impjieg preċedenti, Stat Membru huwa obbligat iħallas benefiċċji bħall-allowance Awstrijaka għar-riabilitazzjoni lil persuna li hija residenti fi Stat Membru ieħor jekk dik il-persuna tkun ikkompletat il-parti l-kbira tal-perijodi ta' assigurazzjoni marbuta mal-fergħat tal-mard u tal-pensjoni bħala impjegat fl-Istat Membru l-ieħor (wara t-trasferiment ta' residenza lejn dak il-pajjiż snin qabel) u li minn dakinhar ma rċeviet l-ebda benefiċċju mill-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard u għall-pensjoni tal-Istat preċedenti ta' residenza u ta' impjieg?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Frar 2019 minn Ehab Makhlof mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-12 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża T-409/16, Makhlof vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-157/19 P)**

(2019/C 172/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellant:* Ehab Makhlof (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tiddikjara l-appell tal-appellant bħala ammissibbli u fondat;
- konsegwentement, tannulla s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2018 mogħtija mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-409/16 Ehab Makhlof vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

U, billi tiddeċiedi permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda:

- tannulla d-Deċiżjoni PESK/2016/850 tas-27 ta' Mejju 2016 (<sup>1</sup>) u l-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti tagħha, sa fejn jikkonċernaw lill-appellant;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka tliet aggravji:

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma rrispettatx id-dritt tal-appellant li jinstitwira qabel l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi ġodda, kif irrikonoxxut fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi u fuq distorsjoni tal-fatti sa fejn il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx l-artikli ppreżentati mill-appellant insostenn tar-rikors għal annullament tiegħu sabiex juri li huwa ma kienx isostni r-reġim fis-Sirja.

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx li huma illegali d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 27 u 28 tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK <sup>(2)</sup> li jipprovdu li l-fatt li wieħed ikun jagħmel parti mill-familja Al-Assad jew mill-familja Makhoulouf jikkostitwixxi kriterju awtonomu li jiġġustifika l-impożizzjoni ta' sanzjoni, b'tali mod li fl-istess ħin qalbet l-oneru tal-prova.

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850, tas-27 ta' Mejju 2016, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 141, p. 125);

(<sup>2</sup>) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK, tal-31 ta' Mejju 2013, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2013, L 147, p. 14).

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Frar 2019 minn Razan Othman mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-12 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża T-416/16, Othman vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-158/19 P)**

(2019/C 172/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Razan Othman (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

— tiddikjara l-appell tal-appellant bħala ammissibbli u fondat;

— konsegwentement, tannulla s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2018 mogħtija mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-416/16, Razan Othman vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

U, billi tiddeċiedi permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda:

— tannulla d-Deċiżjoni PESK/2016/850 tas-27 ta' Mejju 2016 <sup>(1)</sup> u l-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti tagħha, sa fejn jikkonċernaw lill-appellant;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellant jinvoka tliet aggravji:

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma rrispettatx id-dritt tal-appellant li jinstema' qabel l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi ġodda, kif irrikonossut fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.